A.L. 215 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of European Studies (Honours) - B.Eur.Studies (Hons) - u Bachelor of European Studies - B.Eur.Studies – taħt il-patroċinju tal-European Documentation and Research Centre

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-European Documentation and Research Centre bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of European Studies (Honours) - B.Eur.Studies (Hons) - u Bachelor of European Studies - B.Eur.Studies, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of European Studies (Honours) – B.Eur.Studies (Hons) – u Bachelor of European Studies – B.Eur.Studies – taħt il-patroċinju tal-European Documentation and Research Centre, ippubblikati bħala Avviż Legali 21 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Emenda għall-Ordinament 8 ta' l-Ordinamenti Prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) ta' l-ordinament 8 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti fil-kors għall-B.Eur.Studies għandhom jirreġistraw u jiksbu kredtu għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 90 kredtu jkunu fil-European Studies, mhux anqas minn 74 kredtu jkunu f'qasam ta' studju ieħor, u l-bqija jkunu għal taqsimiet studju fakultattivi."